



Mudell ta' sunt tal-motivi u tal-argumenti prinċipali invokati fir-rikors

Settembru 2024

It-tfassil ta' sunt tal-motivi u tal-argumenti invokati fir-rikors promotur huwa previst għar-rikorsi diretti minbarra dawk relatati mad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali fil-punti 167 u 168 tad-Dispożizzjonijiet prattiċi għall-implimentazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (ĠU L, 2024/2097, 12.8.2024), li huma fformulati kif ġej:

"167. Ma' kull rikors għandu jiġi ppreżentat sunt tal-motivi u tal-argumenti prinċipali invokati, liema sunt huwa intiż li jiffaċilita t-tnejn tal-avviż li jkollu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea konformement mal-Artikolu 79 tar-Regoli tal-Proċedura.

168. Sabiex jiġi ffaċilitat it-trattament tiegħu mill-Qorti Ġenerali, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li s-sunt tal-motivi u tal-argumenti prinċipali invokati:

- jiġi prodott separatament mit-test prinċipali tar-rikors u mill-annessi msemmija fir-rikors;*
- ma jkunx ta' iktar minn żewġ paġni;*
- jiġi redatt bil-lingwa tal-kawża konformement mal-mudell disponibbli online fis-sit internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;*
- jintbagħat permezz ta' e-Curia mal-preżentata tar-rikors, b'indikazzjoni tal-kawża li għaliha jirreferi."*

Il-mudell li qiegħed jiġi propost ma jikkonċernax ir-rikorsi dwar sistema ta' proprjetà intellettuali li jkunu diretti kontra l-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), u lanqas dawk diretti kontra l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO), li għalihom l-istabbiliment ta' sunt tal-motivi u tal-argumenti invokati fir-rikors promotur ma huwiex previst.

L-istruttura proposta hawn isfel għat-tfassil tas-sunt tal-motivi u tal-argumenti prinċipali invokati hija din li ġejja:

I. PARTIJIET

Rikorrent/i:

Sede/Indirizz [belt u pajjiż]:

Rappreżentant/a/i [isem u kwalità]:

Konvenut/a/i:

II. SUĠĠETT (għandu jinkiteb fid-dawl tal-indikazzjonijiet li jinsabu iktar 'il quddiem ¹)

Fil-każ ta' rikors għal annullament (previst fl-Artikolu 263 TFUE)

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament ta' *[referenza tal-att ikkontestat]*

Fil-każ ta' rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni (previst fl-Artikolu 265 TFUE)

Talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiża li jiġi kkonstatat li *[isem tal-konvenut]*, b'mod illegali, naqas/naqset/naqsu milli *[speċifika ċ-ċirkustanzi]*

Fil-każ ta' rikors għad-danni li jirriżultaw minn responsabbiltà mhux kuntrattwali (previst fl-Artikolu 268 TFUE)

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża li jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrent għarab sussegwentement għal/minħabba *[indikazzjoni fil-qosor tal-fatt ġeneratur tal-obbligu]*

Fil-każ ta' rikors fil-qasam tas-servizz pubbliku (previst fl-Artikolu 270 TFUE)

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament ta' *[referenzi tal-att ikkontestat]* ²

jew

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża li jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrent għarab sussegwentement għal/minħabba *[indikazzjoni fil-qosor tal-fatt ġeneratur tal-obbligu]*

¹ Fil-każ ta' rikorsi li jkollhom iktar minn suġġett wieħed, jeħtieġ li jintużaw l-indikazzjonijiet korrispondenti għall-każijiet ikkonċernati. Pereżempju, fil-każ ta' rikors intiż, minn naħa, għall-annullament ta' att u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens ta' dannu, is-suġġett għandu jkun redatt b'dan il-mod: "Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament ta' *[referenzi tal-att ikkontestat]* u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu li r-rikorrent għarab sussegwentement għal/minħabba *[speċifika ċ-ċirkustanzi]*".

² Meta r-rikors jiġi ppreżentat kontra l-Bank Ċentrali Ewropew jew il-Bank Ewropew tal-Investiment fil-kawżi dwar is-servizz pubbliku, is-suġġett għandu jkun redatt b'dan il-mod: "Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE moqri flimkien mal-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u intiża għall-annullament ta' *[referenzi tal-att ikkontestat]*".

Fil-każ ta' rikors ibbażat fuq klawżola ta' arbitraġġ (previst fl-Artikolu 272 TFUE)

Talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża għall-kundanna ta' *[isem tal-konvenut]* għal [...]

III. TALBIET

Ir-rikorrent/i jitlob/titlob/jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- *[l-ewwel talba]*;
- *[it-tieni talba]*;
- *[it-tielet talba]*;
- ...

IV. MOTIVI U ARGUMENTI PRINĊIPALI

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent/i jinvoka/tinvoka/jinvokaw *[numru]* motiv(i).

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq *[semmi l-motiv]*

[Argumenti insostenn tal-motiv / jekk ikun il-każ, partijiet tal-motiv, esposti fil-qosor]

- ...
- ...
- ...

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq *[semmi l-motiv]*

[Argumenti insostenn tal-motiv / jekk ikun il-każ, partijiet tal-motiv, esposti fil-qosor]

- ...
- ...
- ...

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq *[semmi l-motiv]*

[Argumenti insostenn tal-motiv / jekk ikun il-każ, partijiet tal-motiv, esposti fil-qosor]

- ...
- ...
- ...

4. ...

5. ...